**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Ronald Muscat**

Numru: 1251/2014

Illum il-hamsa (5) ta' Lulju 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Ronald Muscat**, ta' tmienja u hamsin (58) sena, iben il-mejjet Edward u l-mejta Ludgarda neé Bartolo, imwieled Valletta nhar id-9 ta' Dicembru 1956 u residenti 4, Triq il-Madonna tal-Ghar, Mellieha, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 803556(M)

akkuzat talli f'Ottubru 2013 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru

l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' George Fenech detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 812651(M) u Melita plc, *ai termini* tal-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, *ai termini* tal-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn dokument falz, *ai termini* tal-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti *ai termini* tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 6).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 28 *et seq.*).

Semghet, fis-seduti tad-9 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 36) u tal-1 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 38), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet uhud mix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tal-14 ta' Frar 2018, lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 150 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2018 (*a fol.* 161), lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz, u dana ghajr id-depozizzjoni tal-imputat.

Semghet, fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2018, is-sottomissjonijiet finali bil-fomm kemm da parte tal-Prosekuzzjoni u kif ukoll tad-difiza (*a fol.* 163 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2015, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Maurice Curmi** (*a fol.* 11 *et seq.*) fejn spjega li fit-2 ta' Ottubru 2013, certu George Fenech irraporta l-Ghassa ta' Hal-Qormi li fid-disa' (9) snin ta' qabel kien qed jikri lill-imputat il-*penthouse* li tinsab Siam, 103, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar. Jinghad li Fenech irraporta li ghall-ahhar tas-sena 2012, l-imputat telaq mill-*penthouse* msemmija u li fid-disa' (9) snin li kien ilu hemm kellu hafna problemi fosthom dawk biex ihallas id-dawl tant li kien hemm diversi drabi li nqataghlu d-dawl. Jinghad li Fenech skopra

li f'Novembru 2010 l-imputat kien iffirma kuntratt mal-Melita Cable ghall-*internet*, linja fissa u linja tal-*mobile* u li kien allegatament iffalsifika l-firma tal-imsemmi George Fenech. Jinghad li kien hemm kont pendenti ta' madwar erba' mija u disgha u sittin Euro (€469.00) liema kont l-imputat baqa' ma hallasx. Jghid x'qallu aktar George Fenech. Jixhed li hu (l-iSpettur Curmi) talab lil Melita Cable jfornuh bl-applikazzjonijiet in kwistjoni u meta baghathom lil George Fenech, Fenech ikkonfermalu li l-firem li jidhru fuqhom ma kienux tieghu. Jghid li l-imputat irrilaxxa stqarrija li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "RM" (*a fol.* 14 *et seq.*). Ezebixxa wkoll is-segwenti: dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali li giet immarkata bhala Dok. "RM 1" (*a fol.* 16) u zewg kontijiet pendenti (Dok. "RM 2" – *a fol.* 17 u Dok. "RM 3" –*a fol.* 18).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2017 (*a fol.* 134 *et seq.*), jghid li huwa baghat ghall-imputat meta George Fenech qallu li l-firem li dehru fuq il-kuntratt tal-Melita ma kienux tieghu. Jixhed: *"is-sinjur ma cahadx li ma kienux tieghu jew li kienu tieghu. Qal illi fil-fatt kien hemm xi haga ehe ma nafx ezattament il-verzjoni tieghu x'kienet pero' s'hemmhekk wasalt jien"* (*a fol.* 134). Jidhirlu li l-imputat kien qallu li fil-perjodu in kwistjoni *disputed* fil-kuntratt fil-fond kien jirrisjedi Fenech. Ma jafx jekk mieghu kienux jirrisjedu persuni ohra. Jghid li wasal biex iressaq lill-imputat il-Qorti u mhux persuni ohrajn peress li Fenech qallu li kien jaf biss lill-imputat bhala inkwilin fil-post.

| | |
|---|---|
| Difiza: | *"Minghajr eskluzjoni pero' li seta kien hemm xi persuni ohra f'xi kmamar ohra naqblu?"* |
| Xhud: | *"Issa hekk irrid nara daqxejn x'kien qalli ezattament ghax dak id-dettall onestament ma niftakrux".* |
| Difiza: | *"Le minn naha taghna mhux kontestata li kien jghix gol-post. Hija l-kwistjoni li kellu access iktar".* |
| Xhud: | *"Ma nafx jekk kienx qalli rrid nara l-istatement ma nafx kienx ghamilli accenn jew semmiliex li kien hemm persuni ohra jghixu mieghu"* (*a fol.* 135). |

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2015, xehed ukoll **George Fenech** (*a fol.* 19 *et seq.*) fejn spjega li kien jikri lill-imputat il-*penthouse* li tinsab

103, Siam Court, San Pawl il-Bahar. Jghid li l-imputat kien ilu hemm ghal madwar tmien (8) snin u li tellaghlu kont tad-dawl ta' kwazi erbat'elef Euro (€4000.00). Jghid li kien ha mieghu l-ARMS lill-imputat biex jaghmel kuntratt peress li kellu jhallas hu (Fenech) sabiex jergghu jaghtuh id-dawl u li l-imputat qatt ma hallas mitt Euro (€100.00) fix-xahar. Jghid li l-imputat ghamel firma falza minfloku ghand tal-Melita u dahhal l-*internet* u l-Melita bdew jibghatulu kont ta' erba' mija u tnejn u disghin Euro (€492.00). Mistoqsi mill-Qorti diversament preseduta kif jaf li l-firma kienet falza, wiegeb: *"Ghax mort iccekjat hemm jiena, ghidtilhom dan il-kont mhux tieghi"* (*a fol.* 20). Ghad-domanda mill-Qorti kif diversament preseduta: *"U kif taf min ghamilha l-firma jekk joghgbok?"* (*a fol.* 20), wiegeb: *"Ghax indunajt x'hin sabuli l-kuntratt originali, mbaghad minn hemm hekk qaltli biex immur ghand l-iSpettur"* (*a fol.* 20). Jghid li ma jafx meta gie iffirmat il-kuntratt ghax ma kienx jaf bih. Ezebixxa zewg kontijiet tal-Melita li kien uza l-imputat: wiehed ta' erba' mija u disgha u sittin Euro u sbatax il-centezmu (€469.17) u iehor ta' mija u disgha u hamsin Euro u tmienja u tletin Euro (€159.38), li gew immarkati bhala Dok. "GF" (*a fol.* 23) u Dok. "GF 1" (*a fol.* 24). Jghid li meta ra l-kuntratt ghand tal-Melita nduna li l-firma li kien hemm ma kinitx tieghu u li meta talab kopja tal-kuntratt, ma nghatax kopja tieghu. Jghid li l-imputat cahad li hu ghamel dak li qal hu. Mistoqsi d-data tal-kont, wiegeb: *"Dak ilu nahseb ta' xi erba' (4) snin. Ma nafx kemm meta applika ghalih jiena"* (*a fol.* 22). Jghid li l-imputat telaq mill-*penthouse* f'Lulju jew f'Awwissu tas-sena 2013. Jghid li xejn ma thallas mill-flejjes dovuti.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2017 (*a fol.* 136 *et seq.*), jghid li ma kellux kuntratt ta' kirja mal-imputat. Jghid li huwa sid il-*penthouse* in kwistjoni. Jghid li tul iz-zmien tal-kirja, kien icempel lill-imputat, l-imputat inizzillu l-kera u hu (Fenech) jiffirmalu. Jghid li l-imputat biss kellu c-cavetta ghall-*penthouse* u li hu (Fenech) ma kellux. Jghid li hu ghandu tlett itfal u li wiehed mit-tfal tieghu jismu wkoll George Fenech. Jichad li ibnu George ghandu sett tac-cwievet tal-*penthouse*. Jghid: *"Naf cert li m'ghandux ghax lanqas jien ma kelli, dak qatt ma dhalt ghandu jien"* (*a fol.* 137). Jghid li kien habib mal-imputat tant li kienu jghumu flimkien pero' mbaghad spiccaw hazin. Jghid li l-imputat spicca telaq mill-post

wara li ibnu George mar jistennieh u ghamel ghalih u l-imputat tahom ic-cwievet.

Difiza: *"Issa int Sur Fenech inti t-tifel tieghek taf kif jiffirma?"*
Xhud: *"Naf naghrafha, mhux naghrafha imma naf kif jiffirma."*
Difiza: *"Taf kif jiffirma pero' ma taghrafhiex naqblu?"*
Xhud: *"Iva."*
Difiza: *"Naqblu."*
Xhud: *"Iva, naf kif jiffirma naghrafha fil-boghod vol diri mhux"*
[…]
Difiza: *"Taghrafha jew ma taghrafhiex? Naqblu li ma taghrafhiex Sur Fenech?"*
Xhud: *"Ma naghrafhiex nghid mela."* (*a fol.* 138-139).

Mistoqsi jghid x'kienet ir-raguni ghala meta xehed in ezami qal li l-imputat kien ghamel firma falza, wiegeb: *"Ghax wara li telaq bdejt nircievi l-kont tal-Melita, bdejt immur nikkontestah u ghidtilhom u hadtilhom il-kuntratt imbaghad dahhalt il-Pulizija jien"* (*a fol.* 139). Meta nghad lilu li kien qed jassumi li kien l-imputat, wiegeb: *"Mhux hu kien hemm go fiha dak iz-zmien?"* (*a fol.* 139). Meta nghad lilu li ma jafx b'certezza li kien l-imputat li ghamel il-firma, qal: *"Mhux bilfors hu kien hemm go fiha, issa ma nafx jien qatt ma kriha ma nafx jekk kienx kriha"* (*a fol.* 139). Aktar qabel qal li dahal darbtejn fil-proprjeta' waqt li kien hemm l-imputat u li l-imputat kien izomm il-*penthouse* kkundizzjonata. Jghid li l-firma fuq tal-Melita mhijiex tieghu. Ghad-domanda jekk jiftakarx x'data kellu l-kuntratt li wrietu tal-Melita, wiegeb: *"Ma niftakar xejn"* (*a fol.* 140). Jaf li kien hemm kont ta' disa' mija u iehor ta' sitt mija u li l-kont ta' disa' mija baqa' jircevieh. Jghid li qatt ma ra l-firma tal-imputat. Jghid li l-firma tieghu tikkonsisti fil-kliem "George Fenech". Meta ra l-firma li tidher *a fol.* 60 fejn hemm "Customer Signature" jghid li l-firma li tidher mhijiex tieghu. Jghid li din il-firma qatt ma raha mkien u jaraha bhala tahziza.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2016, xehed **PS 274 James Turner** (*a fol.* 40 *et seq.*) fejn spjega li huwa hejja l-okkorrenza, liema okkorrenza giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "JT 1" (*a fol.* 41 *et seq.*). Jghid, fost l-ohrajn, li George Fenech kien accenna li l-kuntratt

ta' *internet* u televizjoni mal-kumpanija Melita kien iffirmat ghannom tieghu nhar l-4 ta' Novembru 2010.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2016, xehdet ukoll **Emily Abela** (*Legal Assistant* mal-Melita plc – *a fol.* 44) fejn ipprezentat numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "EA 1" (*a fol.* 45 *et seq.*). Taghmel riferenza ghall-kont numru 927987 li jirrigwarda servizz tal-*internet* u tat-telefon. Tghid li mhux attivati aktar u li: *"Hemm kontijiet pendenti fuqhom. L-ahhar li ccekjajna skond l-istess dokument li ezebejna kien hemm ammont ta' €159.38"* (*a fol.* 44). Ezebiet dokumentazzjoni li giet immarkata bhala Dok. "EA 2" (*a fol.* 49 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2016, xehed is-**Sur Joseph Mallia** (*a fol.* 72) in segwitu tan-nomina tieghu bhala Espert fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 38). Jghid: *"Sar l-ezami komparattiv mitlub u rrizulta li l-karatteristici fil-kalligrafija tas-Sur Fenech kif ukoll tal-firma tieghu kif hallihom fuq il-kampjuni tieghu kien hemm diskrepanzi bejn dawn il-karatteristici u l-kalligrafiji u l-firem li jidhru fuq id-dokumenti tal-Melita"* (*a fol.* 72). Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JM 6" (*a fol.* 73 *et seq.*) fejn gie konkluz issegwenti:

1. *"Illi gew misjuba u identifikati diversi punti karatteristici ta' diskrepanza u nuqqas ta' qbil, bejn il-punti karatteristici li jinsabu fil-kors tal-kitba li tidher miktuba fuq dokumenti tal-kumpanija "Melita" li jinsabu a fol. 48 sa fol. 61 tal-process, hekk kif ikkomparati mal-kampjuni tal-kaligrafija ta' George Fenech, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 812651(M) kif volontarjament rilaxxati minnu, "seduta stante";*

2. *Illi gew misjuba u identifikati diversi punti karatteristici ta' diskrepanza u nuqqas ta' qbil, bejn il-punti karatteristici li jinsabu fil-kors tal-kitba fil-firem allegatament ta' George Fenech li jidhru miktubin fuq dokumenti tal-kumpanija "Melita" li jinsabu a fol. 48 sa fol. 61 tal-process, hekk kif ikkomparati mal-kampjuni tal-firem ta' George Fenech, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 812651(M) kif*

*volontarjament rilaxxati minnu "seduta stante", fuq id-dokumenti minn JM 1 sa JM5"* (*a fol.* 109).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Frar 2018, xehed l-imputat **Ronald Muscat** minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 150 *et seq.*) fejn spjega li bejnu u George Fenech kien hemm relazzjoni tajba u li hu kien jghix fl-appartament in kwistjoni ghal disa' snin u li fil-bidu tas-sena 2013 Fenech keccieh u li Fenech qallu li kien biegh lil certu wiehed jghidilu l-Galletta u li wara xi ftit jiem dan il-persuna mar jara l-post flimkien mat-tifel ta' George Fenech. Jghid li l-Galletta qallu biex johrog minn hemm u li wara madwar erba' gimghat, marru jistennewh barra l-appartament u qabzu fuqu (fuq l-imputat). Jghid li, qabel gara dan, it-tifel ta' George Fenech u l-Galletta kienu cemplulu hafna drabi u f'illi l-ewwel jghid li ma kienx qed jirrispondiehom u f'illi jghid li meta rrispondiehom kienu jistaqsuh meta kien ser johrog u hu kien jghidilhom li ma kienx jaf ghax ma kienx ghadu sab post. Jghid li dakinhar li qabzu fuqu, sfurzawh jidhol fl-appartament u sawtuh. Jghid li f'dak il-mument ma kellux servizzi – ma kellux *internet "ma kelli xejn"* (*a fol.* 151a). Jixhed: *"Jien mal-Melita kelli dan l-internet maghhom qed tifhem kuntratt ghal xi sena u wara x-xahrejn li kont fil-kuntratt qatawghli l-internet, li l-internet kien hmistax il-Euro fix-xahar, u mort biex nirraporta ghala qalawghli l-internet, qaluli ghax ma hallastx dawk ix-xahrejn. Ghidtilhom fi hmistax ha nhallaskom u zammuni bla internet u ma hallasthomx dawk ix-xahrejn u kkancellajt kollox"* (*a fol.* 151a). Jghid li kien inghata *package* tal-*internet*, telefon u televizjoni. Jghid li t-telefon kien ihallsu bil-*card* tal-*Easyline*. Jghid li hu kien ihallas ghal *cards* biex ikollu linja u jkun jista' jaghmel telefonati. Jikkonferma li hu u George Fenech kienu hbieb u li kien imur ghandu darba fix-xahar ghall-kera, kien jidhol gewwa u kien jaghtih xi grokk *whisky*. Ma jafx kif jiffirma George Fenech. Mistoqsi jghid kemm il-darba rah jiffirma lil George Fenech, wiegeb: *"Jien ma noqghodx inhares meta jiffirma"* (*a fol.* 153). Ma jafx lanqas kif jiffirma George Fenech iz-zghir. Jghid li qatt ma kellu interess jara kif jiffirmaw. Jghid li l-Pulizija cemplulu wara aktar minn sena wara li marru l-Galletta u George Fenech iz-zghir ghandu, f'liema sena kien mar joqghod il-Mellieha. Jghid li weggawh u li ma ghamel l-ebda rapport peress li gie mhedded li jekk jghid xi haga lil xi hadd kienu ser joqtluh u kienu ser iqattawh

bicciet. Jghid li mindu telaq mill-post ma tantx kellmu lil George Fenech. Jghid li hallsu l-kera. Mistoqsi jghid meta l-ewwel darba li sema bil-kuntratti mal-Melita u l-allegazzjoni li kien ghamel xi dejn mal-Melita ghan-nom ta' George, wiegeb li kien ghal xi s-sena 2011 meta gie nfurmat minn Spettur minn Hal-Qormi. Jghid li qabel dan, George Fenech ma kien kellmu xejn fuq din l-allegazzjoni. Ikkonferma li kien irrilaxxa stqarrija (*a fol.* 14 *et seq.*) u meta gie mistoqsi ghala fl-istqarrija wiegeb li kien applika ghas-servizz tal-Melita f'isem sid il-flat, wiegeb li meta kien diehel il-Belt, gie mwaqqaf u gie mistoqsi jekk kellux *internet* jew *mobile* maghhom, u meta hu wiegeb fin-negattiv, gie nfurmat li kellhom *package* u li meta gie mistoqsi d-dettalji ta' fejn joqghod, qalilha li joqghod San Pawl u meta gie mistoqsi jghid jekk il-post kienx tieghu, qalilha li l-post ma kienx tieghu pero' kien ta' George Fenech. Jghid li din il-persuna mliet kollox u qaltlu li kellu bzonn jiffirma xi karti ta' xi *fee* ta' madwar ghoxrin Euro (€20.00). Jghid li, sa fejn jaf hu, iffirma l-ghoxrin Euro (€20.00) li marru jinstallawlu l-*internet* ghall-kaxxa. Jghid li hu ffirma f'ismu. Mistoqsi dwar il-firem li jidhru *a fol.* 60 u 61 jghid li ma jaghrafhomx u ma ghandux idea taghhom u li mhumiex il-firem tieghu. Ma jiftakarx li fl-istqarrija rilaxxata minnu lill-iSpettur Curmi, lill-iSpettur kien qallu li kellu kont pendenti mal-Melita li jammonta ghal erba' mija u disgha u sittin Euro u sbatax-il centezmu Euro (€469.17). Jghid: *"Jien id-dejn li kelli tletin Euro mal-Melita m'ghandix id-dejn maghhom tletin Euro ta' xahrejn internet"* (*a fol.* 156). Jghid li ma kellu ebda dejn tat-telefon peress li kien ihallas kollox bil-*card*. Fir-rigward tal-*mobile*, jghid li kellu kuntratt ta' sena, li kkancella u li dejjem hallas.

In <u>kontro-ezami</u>, mistoqsi jghid ghala meta rrilaxxa l-istqarrija ma kienx qal lill-iSpettur li kien gie intimidat, wiegeb: *"Ghax qaluli huma t-tnejn, qaluli jekk tghid tirraporta lill-Pulizija, jekk tghid lil missieri, qaluli anke ahna ha nibdew nigbru l-kera"* (*a fol.* 157). Jghid li qed jghid dawn l-affarijiet issa peress li m'ghandu biza' ta' xejn peress li qed joqghod go post iehor. Jixhed li kien gie msawwat ghal ghoxrin minuta u li ma felahx jimxi u li meta staqsa lil girien ghala ma kienux cemplu lill-Pulizija, il-girien qalulu li ma riedux jidhlu f'din is-sitwazzjoni. Jghid li mbaghad mar jara t-tobba peress *"l-injury beda jikber u jikber"* (*a fol.* 158).

Prosekuzzjoni: *"Issa dan il-kont pendenti mal-Melita Cable xi hadd applika ghalih fl-2010 kont ghadek hemm int hux hekk?"*

Xhud: *"Iva kont ghadni hemm jien"* (*a fol.* 159).

Jghid li l-ammont ma jafx bih. Jghid li hu kellu jaghti biss l-ammont ta' tletin Euro (€30.00). Jghid li applika f'isem George Fenech peress li l-post huwa ta' George Fenech.

Prosekuzzjoni: *"Fl-istqarrija li kont irrilaxxajt lili kont stqarrejt li inti kont lest li thallsu pero' kont ser tkellem mal-Melita Cable biex thallashom mensili fix-xahar. Vera jew mhux vera ghidtli dan?"* (*a fol.* 159).

Xhud: *"Imma attendejt li m'ghandhiex intihom dawk il-flejjes. Ghalxiex ghandi ntihom dawk il-flejjes meta jien ghandi ta' xahrejn biss ta' xahrejn internet?"* (*a fol.* 160).

In <u>ri-ezami</u> jghid: *"Jien ma kelli pjanijiet ta'xejn bla hsibijiet ta' xejn biex ikolli l-internet il-post huwa mhux tieghi ta' George Fenech kull xahar nigi nhallsu meta gieni l-kont ta' xahrejn ta' thirty Euros mort ghidtilhom ma nistax inhallsu din il-gurnata imma ha naqbad ic-cekk fil-15 u nhallsu fil-15"* (*a fol.* 160). Meta gie mistoqsi jghid x'ried jghid biha meta fl-istqarrija qal li applika ghan-nom ta' George Fenech, wiegeb: *"Jien applikajt ghax huma saqsewni ta' min hu l-post, il-post huwa mhux tieghi, jien nikri l-post"* (*a fol.* 160). Mistoqsi jghid min iffirma l-karti ghall-installazzjoni, wiegeb: *"Ma nafx, ma nafx min iffirmahom ma nafx"* (*a fol.* 160).

**Ikkunsidrat**

Illi fis-26 ta' Awwissu 2014 l-imputat irrilaxxa stqarrija (Dok. "RM" – *a fol.* 14 *et seq.*), liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u huwa ghazel li ma jiehux dan id-dritt (Dok. "RM 1" – *a fol* 16). Ghal kull buon fini, il-Qorti tinnota li fis-seduta tal-14 ta' Frar 2018 gie verbalizzat is-segwenti: *"Id-difiza titlob lill-Qorti sabiex tiehu konjizzjoni tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat immarkata bhala Dok. "RM" a fol. 14 et sequitur u*

*dan minkejja l-gurisprudenza l-aktar ricenti"* (*a fol.* 149). F'din l-istqarrija l-imputat qal li kien ilu jirrisjedi f'103, Siam, Flat 4, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar mis-sena 2004 sas-sena 2012. Ikkonferma li tul dan il-perjodu huwa applika ghal servizz tal-Melita Cable plc. Jghid li ma jafx ezatt meta applika pero' jghid li kien applika ghall-*internet* u ghal-linja tat-telefon. Jghid li kien applika f'isem sid il-flat, cioé George Fenech. Jghid li applika f'isem George Fenech u mhux f'ismu peress li dak li jmur jinstalla l-*equipment* staqsieh min hu sid il-post u hu wiegbu li kien George Fenech. Ghad-domanda: *"Il-firem ta' George Fenech li jidhru fuq l-applikazzjoni ghas-servizz tal-Melita Cable, min ghamilhom?"* (*a fol.* 15), wiegeb: *"Ma nafx jekk ghamilthomx jien jew inkella l-haddiem tal-Melita Cable li gie ghandi jinstalla l-apparat"* (*a fol.* 15). Mitlub jispjega fejn mar japplika ghas-servizz tal-Melita Cable meta kien ghadu jirrisjedi San Pawl il-Bahar, wiegeb: *"Nghid li darba kont diehel il-Belt, u tfajla li tahdem mal-Melita Cable giet fuqi u qaltli li kellhom special offer, u tajtha l-indirizz u wara xi jumejn gew ghandi jinstallaw l-apparat. Nghid li d-dokumenti hu beda jimlihom u jien kull ma ghamilt hu li fl-ahhar tani xi karta biex niffirma wara li tajtu l-flus"* (*a fol.* 15). Jghid li George Fenech ma kienx prezenti meta tal-Melita Cable marru ghandu jinstallaw l-apparat. Jghid li lil George Fenech ma kien qallu xejn qabel tal-Melita marru ghandu jinstallaw l-apparat. Mistoqsi jghid jekk jaqbilx li ghandu kont pendenti mal-Melita Cable li jammonta ghal erba' mija u disgha u sittin Euro u sbatax il-centezmu (€469.17), wiegeb li jaqbel. Jghid li bi hsiebu li jhallsu u jghid ukoll: *"Issa behsiebni mmur inkellem lil tal-Melita Cable biex nara nistax naghmel pagament zghir fix-xahar sakemm jithallas kollu"* (*a fol.* 15). Mistoqsi jghid ghala wara dan iz-zmien kollu kien ghadu ma hallasx dan il-kont ta' €469.17 lil Melita Cable plc, wiegeb: *"Ghax kif diga ghidtlek kelli daqxejn hard time fuq ix-xoghol u anke fl-ahhar spiccajt bla xoghol"* (*a fol.* 15). Ghad-domanda: *"Taf li ma tista' qatt tiffirma l-firma ta' terza persuna fuq applikazzjonijiet bhal dawn?"* (*a fol.* 15), wiegeb: *"Jien ma kontx naf. Nghid li ma kellhiex intenzjoni li naghmel frodi jew xi haga hekk"* (*a fol.* 15). Jghid li meta kien jghix San Pawl il-Bahar kien ihallas b'mod normali l-kontijiet tal-Melita Cable

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the*

*least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li l-imputat kien joqghod gol-fond 103, Siam Court, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar liema fond huwa proprjeta' tal-parti leza George Fenech. Il-parti leza Fenech jishaq li l-imputat ghamel firma falza minfloku ghand tal-Melita u dahhal l-*internet* u l-Melita bdew jibghatulu l-kontijiet. Fenech jishaq li meta ra l-kuntratt ghand tal-Melita nduna li l-firma li kien hemm ma kinitx tieghu. Mir-rapport tal-espert is-Sur Joseph Mallia rrizultaw diversi punti karatteristici ta' diskrepanza u nuqqas ta' qbil bejn dik li tidher il-firma ta' George Fenech fuq id-dokumenti li l-espert gie mitlub jezamina u l-firma proprja ta' George Fenech. Da parte tieghu, l-imputat jghid li kien applika f'isem George Fenech pero' fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti jghid li ma jafx min iffirma l-karti ghall-installazzjoni tas-servizz in kwistjoni.

Illi eventwalment ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat fejn l-imputat gie akkuzat bi frodi b'eghmil qarrieqi u bi qligh iehor b'qerq, b'falsifikazzjoni ta' atti pubblici, u b'uzu minn dokumenti foloz.

Illi fir-rapport tieghu (Dok. "JM 6" – *a fol.* 73 *et seq.*), is-Sur Joseph Mallia rrizultalu dak li nghad hawn fuq. Ghaldaqstant, il-Qorti trid l-ewwel tanalizza jekk l-imputat kienx il-persuna li ghamel il-firma minflok George Fenech.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Fid-depozizzjoni taghhom, l-iSpettur Maurice Curmi u George Fenech jaghmlu riferenza ghal zewg kontijiet tal-Melita: wiehed fl-ammont ta' erba' mija u disgha u sittin Euro u sbatax il-centezmu (€469.17) (Dok. "RM 2" – *a fol.* 17 u Dok. "GF" – *a fol.* 23) u iehor ta' mija u disgha u hamsin Euro u tmienja u tletin Euro (€159.38) (Dok. "RM 3" – *a fol.* 18 u Dok. "GF 1" – *a fol.* 24).

- Fil-kontro-ezami tiegħu, l-iSpettur Maurice Curmi jgħid li ma jafx jekk fil-fond in kwistjoni kienux jirrisjedu persuni oħra.

- Minkejja li meta xehed George Fenech qal li l-imputat għamel firma falza minfloku għand tal-Melita u daħħal l-*internet*, għad-domanda tal-Qorti diversament preseduta kif jaf min għamel il-firma in kwistjoni, wieġeb: *"Għax indunajt x'ħin sabuli l-kuntratt originali, mbagħad minn hemm hekk qaltli biex immur għand l-iSpettur"* (*a fol.* 20). In kontro-ezami, meta ngħad lilu li kien qed jassumi li kien l-imputat, wieġeb: *"Mhux hu kien hemm ġo fiha dak iz-zmien?"* (*a fol.* 139). Meta ngħad lilu li ma jafx b'certezza li kien l-imputat li għamel il-firma, qal: *"Mhux bilfors hu kien hemm ġo fiha, issa ma nafx jien qatt ma kriha ma nafx jekk kienx kriha"* (*a fol.* 139).

- Da parte tiegħu, George Fenech isostni li l-imputat biss kellu ċ-ċavetta għall-*penthouse*.

- Meta l-imputat Ronald Muscat xehed quddiem il-Qorti huwa qal li applika għas-servizz mal-Melita f'isem George Fenech peress li l-post huwa ta' George Fenech. Meta ġie mistoqsi jgħid għala fl-istqarrija (Dok. "RM" – *a fol.* 14 *et seq.*) wieġeb li kien applika għas-servizz tal-Melita f'isem sid il-flat, wieġeb li meta kien dieħel il-Belt, ġie mwaqqaf u mistoqsi jgħid jekk kellux *internet* jew *mobile* magħhom, meta hu wieġeb fin-negattiv, ġie nfurmat li kellhom *package* u li meta ġie mistoqsi d-dettalji ta' fejn joqgħod, qalilha li joqgħod San Pawl u meta ġie mistoqsi jgħid jekk il-post kienx tiegħu, qalilha li l-post ma kienx tiegħu pero' kien ta' George Fenech. Jgħid li din il-persuna mliet kollox u qaltlu li kellu bzonn jiffirma xi karti ta' xi *fee* ta' madwar għoxrin Euro (€20.00). Jgħid li, sa fejn jaf hu, iffirma l-għoxrin Euro (€20.00) li marru jinstallawlu l-*internet* għall-kaxxa. Jgħid li hu ffirma f'ismu. Għal kull buon fini, anke fl-istqarrija (Dok. "RM" – *a fol.* 14 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Pulizija, l-imputat jgħid li applika f'isem George Fenech u mhux f'ismu peress li dak li jmur jinstalla l-*equipment* staqsieh min hu sid il-post u hu wiegbu li kien George Fenech.

- Tul id-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti, l-imputat Muscat jghid li ma jaghrafx il-firem li jidhru *a fol.* 60 u 61 u li ma ghandux idea taghhom. Jghid li dawn il-firem mhumiex il-firem tieghu. Mistoqsi jghid min iffirma l-karti ghall-installazzjoni, wiegeb: *"Ma nafx, ma nafx min iffirmahom ma nafx"* (*a fol.* 160).

Illi, mehud in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, ma jirrizultax sodisfacentement pruvat li kien l-imputat li effettivament iffirma l-firma ta' George Fenech. Il-Qorti hija konxja tal-fatt li fl-istqarrija (Dok. "RM" – *a fol.* 14 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat (li d-difiza *del resto* stiednet lill-Qorti sabiex tiehu konjizzjoni taghha – *a fol.* 149), ghad-domanda: *"Il-firem ta' George Fenech li jidhru fuq l-applikazzjoni ghas-servizz tal-Melita Cable, min ghamilhom?"* (*a fol.* 15), l-imputat wiegeb: *"Ma nafx jekk ghamilthomx jien jew inkella l-haddiem tal-Melita Cable li gie ghandi jinstalla l-apparat"* (*a fol.* 15). Minkejja tali twegiba xorta jibqa' mhux sodisfacentement pruvat li l-imputat ghamel il-firma ta' George Fenech. Ma jirrizulta xejn konkret anqas mir-risposta moghtija mill-imputat ghad-domanda: *"Taf li ma tista qatt tiffirma l-firma ta' terza persuna fuq applikazzjonijiet bhal dawn?"* (*a fol.* 15), fejn l-imputat wiegeb: *"Jien ma kontx naf. Nghid li ma kellhiex intenzjoni li naghmel frodi jew xi haga hekk"* (*a fol.* 15).

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi filwaqt li Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrigwarda "Frodi b'eghmil qarrieqi", Artikolu 309 tal-Kapitolu msemmi jirrigwarda "Kazijiet ohra ta' qligh b'qerq".

Illi biex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat u cioé bejn min qieghed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana r-reat u cioé l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju

li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** moghtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghamlet esposizzjoni ferm preciza, studjata u dettaljata ghar-rigward ta' l-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana r-reat:

> *"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz. […]*
>
> *Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 430 tal-Codice delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (Artikolu 405) avolja dan, il-Codice delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi […].*
>
> Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.
>
> Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.
>
> Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:

a) b'mezzi kontra l-ligi, jew
b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c) ta' kwalifiki foloz jew
d) billi jinqeda b'qerq iehor u
e) ingann jew
f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g) jew ta' hila;
h) setgha fuq haddiehor jew
i) ta' krediti immaginarji jew
j) sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

[...H]u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. […]

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi *"hemm bzonn biex ikun reat taht l-Artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza* ***Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech*** *(03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed é necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede""*.

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** kwotata hawn fuq, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali iccitat lill-Imhallef Guzé Flores fejn qal illi:

*"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita' ta' verita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene".*

L-istess Imhallef Flores kompla jghid li:

*"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat tal-frodi baqghu nvarjati fiz-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa *"l'elemento del danno patrimoniale"*. Biex imbaghad jissussisti dana t-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu *"I tre momenti di cui si compone il reato é cioé la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione Penale Sez. II 3 ottobre 2006 n. 34179)*

Illi, ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, cioé **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004:

> *"L'agente […] deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta' sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi minkejja li l-imputat ikkonferma li huwa kien applika ghas-servizz mal-Melita, minkejja li qal li ta l-isem ta' George Fenech bhala sid il-post in kwistjoni u minkejja li s-Sur Joseph Mallia sab li kien hemm diskrepanzi f'dawk li suppost kienu l-firem ta' George Fenech, kif inghad aktar il-fuq f'din is-sentenza ma jirrizultax sodisfacentement pruvat li l-imputat iffirma d-dokumenti in kwistjoni tal-Melita bil-firma ta' George Fenech.

Illi nghad aktar il-fuq li:

> "[...H]u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi".

Issa, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-esposizzjoni legali tar-reat ta' frodi kif indikat hawn fuq u wara li kkunsidrat il-fatt li l-imputat applika u fl-applikazzjoni tal-Melita gie mnizzel isem George Fenech, minkejja l-kontijiet mhux imhallsa, il-Qorti tinnota li ma tista' qatt tirrizulta htija fl-imputat taht Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Anqas ma jirrizulta li l-imputat ghamel xi qliegh iehor b'qerq kif jiddisponi Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta' Malta. Ma jirrizultax sodisfacentement pruvat li l-imputat kellu l-intenzjoni li jaghmel att ta' frodi fil-konfront ta' George Fenech. Ma jirrizultax lanqas li l-imputat kellu intenzjoni li jaghmel xi qliegh iehor b'qerq.

Ghaldaqstant isegwi li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi din l-imputazzjoni tikkoncerna Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> "Kull persuna ohra li taghmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi tohloq [...]".

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li saru aktar il-fuq f'din is-sentenza fejn inghad li ma jirrizultax sodisfacentement pruvat li kien l-imputat li ffirma d-dokumenti tal-Melita bil-firma ta' George Fenech.

Apparti minn dan, ma jirrizultax anqas li d-dokumenti hawn fuq imsemmija fuq liema saret il-firma ta' George Fenech huma att awtentiku u pubbliku, jew inkella skrittura kummercjali jew ta' bank privat kif jirrikjedi l-Artikolu 183 hawn fuq imsemmi. Il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova dak li Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrikjedi.

Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, ma jirrizultax li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**

Illi Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk: *"Kull persuna li xjentement taghmel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel [...]"*. Dan l-Artikolu jirrigwarda "Min xjentement jaghmel uzu minn dokumenti foloz".

Illi, apparti dak li nghad hawn fuq fir-rigward tal-fatt li ma giex pruvat li kien l-imputat li ghamel il-firma minflok George Fenech, il-Qorti tinnota wkoll li ma jirrizultax li l-imputat wettaq dak li qed jigi akkuzat bih taht it-tielet (3) imputazzjoni, u cioé li huwa **xjentement** ghamel uzu minn dokumenti foloz. Ghalhekk isegwi li anqas it-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tista' tispekula dwar jekk l-imputat kellux xi involviment f'dak li huwa gie akkuzat bih f'dawn il-proceduri, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Dak li jirrizulta mill-atti processwali jista' jindika diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma jista' qatt ikun prova univoka u ma jista' qatt iwassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** moghtija fil-15 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-kaz kif jemerġu mill-provi inkluzi dawk li fuqhom straħet l-ewwel Qorti u din il-Qorti waslet għall-konkluzjoni li fuq dawk iċ-ċirkostanzi l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konkluzjoni li waslet għaliha u ċioé li l-imputati appellanti huma ħatja mingħajr dubbju dettat mir-raġuni tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. L-aktar 'il bogħod li wieħed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiġġeneraw suspett raġonevoli li l-imputati ikkommettew l-għemil imputat lilhom mill-Prosekuzzjoni, izda prova sa dan il-

grad ma hix bizzejjed sabiex jintlaħaq il-grad għoli ta' prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali".

Illi, mehud dak kollu li nghad hawn fuq in konsiderazzjoni, jirrizulta li fil-kawza odjerna jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputat huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Ronald Muscat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' spejjez relatati mal-hatra ta' esperti, liema talba saret fic-*charge sheet*, u dana *stante* li l-imputat Ronald Muscat gie liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**